MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1229/2003

**A B C f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tat-tifel minuri D John**
**vs**
**F C, u**
**d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi fid-29 ta' Ottubru 2002 lill-attrici tweldilha it-tifel bl-isem ta' D Ehekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru tar-registrazzjoni 4051/2002 hawn Bess u mmarkat bhala Dok. CA 1;

U premess illi skond l-istess certifikat tat-twelid Dok. CA 1 it-tifel D Egie inskritt bhala iben l-attrici ta' missier mhux maghruf (unknown father);

U premess illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut F C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-iben minuri D Ein kwantu gie koncepit minnu mir-relazzjoni li kellu mal-attrici omm l-istess minuri;

U premess illi skond il-Ligi l-konvenut bhala missier il-minuri D Eghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess tifel minuri;

U premess illi l-konvenut ghadu sallum ma hallas jew ikkontribwixxa ebda manteniment ghall-istess minuri D John;

U premess illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lill-ibnu u jhallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniement tal-minuri inkluz l-arretrati tal-istess, huwa baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut F C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri D John;

2. Konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid tal-istess minuri D Enumru tar-registrazzjoni 4051/2002 (Dok. CA1) jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwit bil-kliem "F C" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess F C;

3. Tiddikjara ukoll illi l-konvenut F C bhala missier il-minuri D Eghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess tifel minuri tieghu, u dana b' effett mid-data tat-twelid tieghu.

4. Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut F C lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri D Einkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat.

5. Tordna u tikkundBa lil konvenut F C sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut F C mill-impjieg tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-konvenut F C ikun irid jitnizzel bhala "missier illegittimu" fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' F C biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li

ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut F C eccepixxa:

1. Illi l-konvenut lest illi jirrikonoxxi lil D Ebhala ibnu.

2. Illi huma minnu li l-konvenut kellu relazzjoni mal-attrici, izda din abbandunatu meta kellha tlett xhur tqala u qatt m’ ghamlet kuntatt iktar mal-konvenut. Illi l-minuri ghandu llum tlett snin u l-konvenut qatt ma rah. Illi huwa sar jaf bit-tarbija tramite l-avukat ta’ l-attrici.

3. Illi huwa jaqbel illi jhallas manteniment ghal minuri D John.

4. Illi huwa jixtieq access versu D kull nhar ta’ Gimgha mill-0530pm sas-Sibt fis-6pm.

Rat li fl-udjenza[1] tal-20 ta’ Ottubru 2006 d-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira t-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport xjentifiku[2] tad-DNA prezentat mill-periti teknici, l-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghad-data tallum ghas-sentenza parzjali fuq l-ewwel zewg talbiet ta’ l-attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

---

[1] Vol.1 – fol.42
[2] Prezentat fis-6 ta’ Mejju 2008

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-ewwel zewg talbiet taghha, l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D EC li twieled fid-29 ta' Ottubru 2002, registrat b' "unknown father" fl-Att tat-Twelid 4051/2002, huwa fil-fatt il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F C; kif ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet konsegwenzjali, fl-istess Att tat-Twelid.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici u l-konvenut F C, fis-17 ta' Settembru 2001 kienu f' relazzjoni li eventwalment kienet giet terminata fit-8 ta' Mejju 2002. Rizultat ta' din ir-relazzjoni twieled t-tifel D John; u filwaqt li l-attrici tikkonferma bil-gurament li matul ir-relazzjoni taghhom hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut F C biss, dan minn naha tieghu accetta li l-wild kien tieghu.

Illi r-rizultanzi tar-rapport xjentifiku jikkonfortaw din il-verzjoni, u jikkonfermaw xjentifikament li l-imsemmi tifel huwa l-wild naturali tal-konvenut F C.

Illi rigward il-kap ta' l-ispejjez in propozitu ghal dawn iz-zewg talbiet, il-Qorti tosserva li, gjaladarba, kif jirrizulta ampjament mill-affidavit ta' l-attrici, dina kienet taf li l-konvenut F C kien missier it-tarbja, u gjaladarba hija ghazlet li tirregistrah bhala wild ta' missier mhux maghruf u b' hekk halqet in-neccessita' ta' dan il-gudizzju sabiex issir il-korrezzjoni relattiva, l-ispejjez ta' dawn iz-zewg talbiet, provokati minnha, ghandhom ikunu a kariku taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>l-ewwel u t-tieni talba</u> billi, tilqaghhom, u tiddikjara li l-konvenut F C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri D John;  u tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid 4051/2002 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ta' dan il-gudizzju jkunu a kariku ta' l-attrici.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet attrici.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------